

- tannulla, sa fejn huwa meħtieġ, inkwantu tagħti motivazzjoni addizzjonali, id-deċiżjoni tal-21 ta' Ottubru 2021;
- tikkundanna lill-Aġenzija tikkumpensa lir-rikorrenti fl-ammont ta' EUR 35 000 *ex aequo et bono* għad-danni psikoloġiċi, materjali u morali;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-deċiżjoni ta' riassenzjazzjoni, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' kunfidenzjalità marbut mat-talba għal assistenza u mal-assenza ta' apparenza ta' imparzjalità fl-ipproċessar tal-fajl tagħha minn Eurojust.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-inkompetenza tad-direttur amministrattiv li jieħu d-deċiżjoni kkontestata, minħabba s-sitwazzjoni tiegħu ta' kunflitt ta' interess, tan-nuqqas ta' imparzjalità tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti, jew tal-inqas tal-assenza ta' apparenza ta' imparzjalità, u fuq il-ksur tar-regoli ta' sostituzzjoni ta' awtorità li għandha s-seta' li tikkonkludi kuntratti ta' impenn f'każ ta' nuqqas ta' kapaċità ta' intervent.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-abbuż ta' proċedura u ta' użu ħażin ta' poter min-naħa tad-direttur amministrattiv.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li r-riassenzjazzjoni fl-allegat interess tas-servizz saret bi ksur tad-dmir ta' premura, mingħajr ma ttieħed inkunsiderazzjoni l-interess tal-membri tal-persunal u lanqas l-interess tas-servizz, mingħajr l-osservanza tad-dritt għal smiegħ u tal-bżonn li tiġi mmotivata d-deċiżjoni li taffettwa l-interessi tal-membri tal-persunal ikkonċernat.

---

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2021 – El Corte Inglés vs EUIPO – Europull (GREEN COAST)

(Kawża T-361/20) <sup>(1)</sup>

(2022/C 119/82)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 255, 3.8.2020.

---

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2021 – Senseon Tech vs EUIPO – Accuride International (SENSEON)

(Kawża T-724/20) <sup>(1)</sup>

(2022/C 119/83)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 44, 8.2.2021.

---